**QORTI CIVILI**
**PRIM'AWLA**
**ONOR IMHALLEF ANNA FELICE**

**Illum 10 ta' April, 2019**

**Rikors Guramentat Nru: 974/2007 AF**

**Associated Supplies Limited (C-2891)**

**vs**

**B'digriet tal-Qorti tad-19 ta' Mejju 2005 gew nominati Dr. Tonio Azzopardi u l-Prokuratur Legali Mario Mifsud Bonnici bhala kuraturi deputati sabiex jirrapprezentaw lis-socjetà estera assenti ABB Power Technologies S.p.A.**

**U b'digriet tat-22 ta' Ottubru 2007 Dr. Nicolai Vella Falzon jidher bhala rapprezentant tas-socjetà estera assenti ABB Power Technologies S.p.A. minflok il-kuraturi deputati Dr. Tonio Azzopardi u l-Prokuratur Legali Mario Mifsud Bonnici**

**U b'digriet tas-26 ta' Mejju 2008, il-Qorti laqghet it-talba biex Dr. Nicolai Vella Falzon jassumi l-atti tal-kumpanija de quo f'isem il-kumpanija ABB S.p.A. minflok il-kumpanija ABB Power Technologies S.p.A.**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ġuramentat tal-Avukat Nicolai Vella Falzon bħala mandatarju speċjali tas-soċjetà estera ABB Power Technologies S.p.A. ta' Via Vittor Pisani, 16, I-20124 Milano, Italia, li permezz tiegħu wara li ġie premess illi:

Fit-3 ta' Mejju 2005, il-kumpannija ritrattata intavolat ċitazzjoni bin-numru 421/05AF quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Civili fejn ippremettiet:

> "Illi s-soċjetà attriċi ġiet inkarigata mis-soċjetà estera konvenuta sabiex tirrendi servizzi ta' rappreżentanza, konsulenza u assistenza, għall-benefiċċju ta' l-istess soċjetà estera konvenuta, in konnessjoni ma' diversi *tenders* illi s-soċjetà konvenuta wriet interess illi tipparteċipa fihom ġewwa Malta;
>
> Illi, bi ftehim bejn il-partijiet kontendenti, is-soċjetà estera konvenuta obbligat ruħha illi tħallas lis-soċjetà attriċi kummissjoni ta' seba' fil-mija (7%) tal-valur nett ta' kull kuntratt illi l-istess soċjetà estera konvenuta tiġi mogħtija ġewwa Malta bir-rappreżentanza, konsulenza u assistenza tas-soċjetà attriċi;
>
> Illi b'riżultat tas-servizzi reżi mis-soċjetà attriċi kif hawn fuq spjegat, is-soċjetà estera konvenuta ottjeniet diversi kuntratti ġewwa Malta, iżda nonostante mitluba sabiex tersaq għall-likwidazzjoni u ħlas tal-kummissjonijiet relattivi dovuti minnha lis-soċjetà attriċi, is-soċjetà estera konvenuta waqqfet tħallas il-kummissjoni dovuta lis-soċjetà attriċi mingħajr ebda raġuni valida fil-liġi;"

Ghalhekk f'dik il-kawza l-kumpannija attrici ritrattata talbet lill-kumpanija ritrattanti tghid ghaliex ghar-ragunijiet premessi, m'ghandhiex dina l-Onorabbli Qorti:

1. "Tiddikjara illi l-kumpannija esponenti hija tenuta tħallas lis-socjetà attrici kummissjoni ta' seba' fil-mija (7%) tal-valur nett ta' kull kuntratt illi l-istess socjetà estera konvenuta ġiet mogħtija ġewwa Malta bir-

rappreżentanza, konsulenza u assistenza tas-socjetà attrici;

2. Tillikwida okkorrendo bl-opera ta' periti esperti nominandi, dik is-somma ta' kummissjonjiet illi s-socjetà estera konvenuta hi dovuta li tħallas lis-socjetà attrici kif hawn fuq spjegat; u

3. Tikkundanna lis-socjetà estera konvenuta tħallas lis-socjetà attrici dik is-somma hekk likwidata;

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-Mandat ta' Sekwestru kawtelatorju ppreżentat kontestwalment u bl-imgħax dekorribbli mid-data tal-preżentata ta' dan l-att kontra s-socjetà estera konvenuta illi minn issa r-rapprezentanti legali u gudizzjarji taghha huma ngunti ghas-subizzjoni."

KURATURI

Wara rikors għall-ħatra ta' kuraturi illi ġie ppreżentat kontestwalment maċ-ċitazzjoni fuq imsemmija l-Qorti permezz ta' digriet datat 19 ta' Mejju, 2005 innominat lill-Avukat Dottor Tonio Azzopardi u lill-Prokuratur Legali Mario M. Bonnici bħala kuraturi deputati sabiex jirrappreżentaw lill-kumpannija estera ABB Power Technologies S.p.A.

Kif ser jiġi spjegat hawn taħt f'dan ir-rikors għal xi raġuni l-istess kuraturi deputati naqsu milli jinfurmaw lill-kumpannija ritrattani dwar il-kawża intavolata kontriha sabiex b'hekk il-kumpannija esponenti ma kellhiex d-debita opportunità illi tiddefendi ruħha fil-kawża.

Fil-fatt filwaqt illi fl-24 ta' Ġunju, 2005 il-kuraturi deputati msemmija ppreżentaw nota tal-eċċezzjonijiet għan-nom tal-kumpannija ritrattanti fiż-żmien meħtieġ skond il-liġi, dik in-nota tal-eċċezzjonijiet kienet tinkludi biss dikjarazzjoni fis-sens illi l-kuraturi deputati ma humiex edotti mill-fatti tal-kaz u rriżervaw illi jressqu l-eċċezzjonijiet tagħhom fi stadju ulterjuri; haġa li fil-fatt baqgħet ma saritx.

NOTIFIKA MHUX SKOND IL-LIGI

In oltre, kif ser jiġi trattat ukoll f'dan ir-rikors il-kumpannija ritrattanti qatt ma ġiet debitament notifikata bl-atti tal-kawża kif meħtieġ skond il-liġi u skond d-disposizzjonijiet tar-Regolamenti tal-Kunsill Ewropew numru 1348/2000 (*Council Regulation (EC) 1348/2000 on the service in the Member States of judicial and extra judicial documents in civil and commercial matters*) u għalhekk ukoll il-kumpannija esponenti ma ngħatatx id-debita opportunità illi tidħol bħala parti fil-kawża sabiex tkun tista tiddefendi l-interessi tagħha kif del resto huwa rikjest skond il-prinċipji tad-dritt naturali (*audi alteram partem*).

SENTENZA TAL-QORTI

Fis-sentenza tal-Qorti, deċiza fis-27 ta' Marzu 2007, il-Qorti wara li rat iċ-ċitazzjoni u d-dikjarazzjoni tal-kumpannija attrici ritrattata; rat in-nota tal-eċċezzjonijiet tal-kuraturi fejn iddikjaraw li ma humiex edotti mil-fatti tal-kaz; rat id-dokumenti esebiti mill-kumpannija attrici ritrattata biss; eżaminat bir-reqqa x-xhieda kollha prodotti mill-kumpannija hemm attriċi biss; ddecidiet il-kawża billi laqgħet it-talbiet tal-kumpannija hemm attriċi u kkundannat lill-kumpannija konvenuta ritrattanti tħallas is-somma ta' mija u tmienja u ħamsin elf, mija u tnejn u ħamsin Ewro u disgħa u sebgħin ċenteżmu (€158,152.79) bl-ispejjez inkluzi dawk tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju u bl-imgħax dekorribbli mid-data taċ-ċitazzjoni.

RIKORS GHAR-RITRATTAZZJONI TAS-SENTENZA MILL-PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

Il-kumpannija konvenuta ritrattanti tħoss ruħha aggravata b'din is-sentenza u tixtieq tinterponi dan ir-rikors ta' ritrattazzjoni għas-sentenza in kwistjoni.

FATTI TAL-KAZ

Il-kumpannija konvenuta ritrattanti hija kumpannija estera bis-sede tagħha ġewwa l-Italja fl-indirizz hawn fuq indikat.

Kontestwalment maċ-ċitazzjoni mertu ta' dan ir-rikors għal ritrattazzjoni l-kumpannija attrici ritrattata intavolat rikors għall-ħatra ta' kuraturi deputati sabiex jirrappreżentaw lill-kumpannija esponenti u sussegwentement b'digriet datat 19 ta' Mejju, 2005 ġew nominati bħala kuraturi l-Avukat Dr. Tonio Azzopardi u l-Prokuratur Legali Mario M. Bonnici sabiex jirraprezentaw lill-kumpannija estera ABB Power Technologies S.p.A.

La Dottor Tonio Azzopardi u wisq anqas l-PL Mario M. Bonnici ma nnotifikawx u/jew informaw lill-kumpannija konvenuta ritrattanti bil-proċeduri pendenti quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Civili u dan meta l-kumpannija attrici kienet taf bl-indirizz u bid-dettalji kollha tal-kumpannija esponenti.

Mill-atti tal-kawża ma jirriżulta mkien illi l-kuraturi deputati ppruvaw jagħmlu kuntatt mal-kumpannija esponenti dwar il-kawża u fil-fatt ma hemm ebda prova illi sar xi kuntatt mal-kumpannija esponenti fiż-żmien in kwistjoni.

Minn indaġni riċenti illi għamel ir-rikorrent nomine mal-Avukat Dottor Tonio Azzopardi, l-istess rikorrent nomine ġie nfurmat illi Dr. Tonio Azzopardi kien bagħat ittra lill-ABB Power Technologies S.p.A. fis-17 ta' Ottubru, 2005. Kopja ta' din l-ittra hija hawn annessa u mmarkata Dok NVF1. Jirriżulta illi dina l-ittra li allegatament intbagħtet fiż-żmien in kwistjoni ma kienitx intbagħtet reġistrata u lanqas ma sar tentattiv sabiex din tintbagħat ukoll bil-fax. Fil-fatt jirriżulta illi din l-ittra qatt ma ġiet riċevuta mill-kumpannija esponenti u jirriżulta wkoll illi ma hemm ebda prova illi din l-ittra b'xi mod wasslet għand il-kumpannija esponenti.

In oltre l-proċedura illi adottat il-kumpannija attrici ritrattata sabiex iddaħħal lill-kumpannija esponenti f'dik il-kawża u sabiex tinnotifikaha bl-atti ta' l-istess kawża ma kienitx valida skond il-liġi u dan stante illi fiż-żmien illi ġiet intavolata l-kawża

in kwistjoni kienu japplikaw d-disposizzjonijiet tar-Regolamenti tal-Kunsill Ewropew numru 1348/2000 (*Council Regulation (EC) 1348/2000 on the service in the Member States of judicial and extra judicial documents in civil and commercial matters*) li ma ġewx segwiti.

A tenur tal-Artikolu 4 tar-Regolamenti imsemmija l-kumpannija attrici ritrattata kienet obbligata tinnotifika lill-kumpannija konvenuti ritrattanti direttament bl-atti tal-kawża tramite l-aġenziji rispettivi ta' Malta u tal-Italja responsabbli għal tali notifiki.

Għalhekk il-kumpannija konvenuta ritrattanti ma tistax titqies illi ġiet debitament notifikata bl-atti tal-kawża skond il-liġi u għalhekk ukoll jeżistu l-elementi meħtieġa għar-ritrattazzjoni tal-kawża skond l-Artikolu 811(b) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap 12).

Minkejja illi l-kumpannija konvenuta ritrattanti ma ġietx debitament notifikata u/jew infurmata dwar il-kawża ntavolata kontriha, l-Qorti għaddiet ghas-sentenza kontriha.

Għalhekk ma ġewx osservati l-prinċipji ta' ġustizzja naturali *audi alteram partem*.

Il-kumpannija esponenti saret taf b'dan kollu u bil-proċeduri tal-Qorti kontra tagħha reċentement ossija fl-20 ta' Ġunju, 2007, meta ġiet infurmata mill-Korporazzjoni Enemalta illi din ma setgħetx tagħmel pagamenti dovuti lill-kumpannija esponenti minħabba mandat ta' sekwestru eżekuttiv (numru 680/07) li kien ġie notifikat lill-Enemalta bħala sekwestratarju fit-8 ta' Mejju, 2007.

Il-kumpannija konvenuta ritrattanti meta saret taf b'dawn il-fatti, ikkomunikat minnufih ma' l-Avukat sottoskritt sabiex jara l-atti tal-kawza kontra tagħha.

F'dan ir-rikors is-socjetà konvenuta ritrattanti tilmenta u tissottometti li hi qatt ma rċeviet korrispondenza mill-kuraturi deputati Dr. Tonio Azzopardi u/jew PL Mario M. Bonnici dwar il-kawża kif meħtieġ mill-Artikolu 936 tal-Kap 12 u lanqas ma

ġiet notifikata skond il-liġi u skond ir-Regolamenti tal-Kunsill Ewropew numru 1348/2000 u għalhekk ma kellhiex id-debita opportunità illi tiddefendi l-kawża kif meħtieġ skond il-liġi u skond id-dettami tad-dritt naturali.

Ghalhekk fid-dawl tal-fatti u ċirkostanzi kollha, hemm lok ta' ritrattazzjoni u dana peress li s-sentenza deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili bic-citazzjoni numru 421/05AF fl-ismijiet Associated Supplies Limited vs Dr. Tonio Azzopardi u PL Mario M. Bonnici bħala kuraturi deputati sabiex jirrapreżentaw lill-kumpannija estera ABB Power Technologies S.p.A. deċiża fis-27 ta' Marzu, 2007, hija nulla u invalida u dana peress li l-kumpannija konvenuta ritrattanti ma kienitx legalment notifikata skond il-liġi u dan bi pregudizzju kbir ghaliha u bi ksur tal-prinċipji naturali tad-dritt.

Inoltre, ix-xhieda moghtija mill-kumpannija attrici ritrattata m'hijiex waħda veritjera u lanqas ma hi kompluta u l-kumpannija esponenti għandha eċċezzjonijiet validi skond il-liġi x'tagħti kontra l-pretensjonijiet u t-talbiet tal-kumpannija attrici ritrattata.

Għal dawn il-motivi l-esponenti titlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tirrevoka s-sentenza mogħtija fis-27 ta' Marzu, 2007 numru 421/05AF fl-ismijiet Associated Supplies Limited vs Dr. Tonio Azzopardi u PL Mario M. Bonnici bħala kuraturi deputati sabiex jirrapreżentaw lill-kumpannija estera ABB Power Technologies S.p.A., u tordna r-ritrattazzjoni ta' l-istess a tenur ta' l-Artikolu 811(b) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

Bl-ispejjez kontra l-kumpannija attrici ritrattata.

Ir-rikorrent nomine jaf bil-fatti hawn fuq dikjarati u maħlufa kif dedotti lilu mir-rappreżentanti tal-kumpannija minnu rappreżentata.

Rat id-dokument anness.

Rat ir-risposta ġuramentata tas-soċjetà Associated Supplies Limited li permezz tagħha eċċepiet illi:

In linea preliminari, is-socjetà esponenti umilment tissolleva n-nullità tar-rikors promotorju, billi nieqsa minn element essenzjali ghall-validità tal-istess att gudizzjarju ai termini tal-Artikoli 156 u 174 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta, billi bil-mod kif intavolat, ir-rikors promotorju qieghed jindika b'mod erronju illi qieghed isir rikors mis-socjetà esponenti kontra kuraturi nominati sabiex jirrapprezentaw lis-socjetà estera assenti ABB Power Technologies S.p.A.

In linea preliminari wkoll izda minghajr pregudizzju ghas-suespost, is-socjetà esponenti umilment tissolleva n-nullità tar-rikors promotorju, billi huwa evidenti illi dan ir-rikors qieghed isir fl-atti tal-kawza numru 421/05AF, liema kawza gjà tinsab deciza u tikkostitwixxi *res judicata* fil-konfront tas-socjetà ABB Power Technologies S.p.A., mentri rikors ghar-ritrattazzjoni ta' kawza trid *ad validitatem* issir permezz ta' procedura *ad hoc* ai termini tal-artikolu 811 *et sequitur* tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

In linea preliminari wkoll izda minghajr pregudizzju ghas-suespost, is-socjetà esponenti umilment tissolleva l-insostenibbilità tat-talba kontenuta fir-rikors promotorju, fejn qed jintalab li tigi ritrattata sentenza ta' dina l-Onorabbli Qorti, mentri l-ligi tipprovdi fl-Artikolu 811 *et sequitur* illi hija kawza, u mhux is-sentenza, illi tista' tigi ritrattata.

Minghajr pregudizzju ghas-suespost, is-socjetà esponenti umilment teccepixxi illi s-socjetà ABB Power Technologies S.p.A. ddekadiet mid-dritt taghha illi titlob ir-ritrattazzjoni tal-kawza numru 421/05AF bit-trapass tat-terminu legali impost mill-Artikolu 818 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

Minghajr pregudizzju ghas-suespost, is-socjetà ABB Power Technologies S.p.A. trid iggib il-prova dokumentarja u inekwivoka ta' meta hija saret effettivament taf bil-kawza numru 421/05AF, u dan ghaliex, kif ser jirrizulta fil-kors tal-provi migjuba quddiem dina l-Onorabbli Qorti, is-socjetà ABB Power Technologies S.p.A. kienet taf bil-kawza numru

421/05AF fi zmien sufficjenti sabiex tressaq l-eccezzjonijiet u l-provi taghha fil-kors tal-istess kawza. Effettivament l-Avukat Dottor Tonio Azzopardi, fil-vesti tieghu ta' kuratur tal-istess socjetà ABB Power Technologies S.p.A. fil-kawza numru 421/05Af, kien baghat ittra fl-ufficcju registrat tal-istess socjetà estera, fejn infurmahom bl-ezistenza tal-istess proceduri u talabhom istruzzjonijiet sabiex ikun jista' jiddefendi dan il-kaz f'isimhom. Minkejja din l-ittra, is-socjetà ABB Power Technologies S.p.A. baqghet qatt ma ressqet provi fl-istess kawza, oltre li ghandu jinghad ukoll illi l-kuraturi nominati qdew l-inkarigu taghhom illi jiddefendu l-interessi tas-socjetà assenti, minkejja d-dizinteress assolut tas-socjetà ABB Power Technolgies S.p.A., b'mod fidil u korrett.

Minghajr pregudizzju ghas-suespost, is-socjetà esponenti umilment tirritjeni illi ma hemmx lok ghar-ritrattazzjoni tal-kawza numru 421/05AF, billi s-socjetà ABB Power Technologies S.p.A. giet debitament notifikata bl-atti tal-istess kawza, ai termini tal-ligijiet vigenti oltre li l-istess socjetà estera kellha kull opportunità illi tressaq ix-xhieda u l-eccezzjonijiet taghha fl-istess kawza, izda naqset milli taghmel dan minghajr ebda raguni valida skond il-ligi.

Minghajr pregudizzju ghas-suespost, is-socjetà ABB Power Technologies S.p.A. lanqas ma tat indikazzjoni, imqar fuq bazi prima facie, tal-eccezzjonijiet validi illi hija allegatament ghandha fil-konfront tal-pretensjonijiet tas-socjetà esponenti fil-kawza numru 421/05AF. Dan sar hekk ghaliex, fil-fehma umli tas-socjetà esponenti, is-socjetà ABB Power Technologies S.p.A. ma ghandha l-ebda eccezzjoni x'taghti ghall-pretensjonijiet validi u gustifikati tas-socjetà esponenti.

L-esponenti taf personalment bil-fatti kollha hawn fuq esposti.

Rat illi fl-udjenza tat-30 ta' Ottubru 2008 il-Qorti ordnat illi jiġu allegati l-atti tal-kawża 421/2005 AF fl-istess ismijiet.

Semgħet ix-xhieda prodotti.

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet.

Rat illi l-kawża tħalliet għas-sentenza.

Rat l-atti kollha tal-kawża.

Ikkunsidrat illi din tal-lum hija talba għal revoka ta' sentenza u ritrattazzjoni tal-kawża fl-ismijiet Associated Supplies Limited vs Dr Tonio Azzopardi u PL Mario Bonnici bħala kuraturi deputati sabiex jirrappreżentaw lill-kumpannija estera ABB Power Technologies S.p.A. Dan għaliex is-soċjetà rittratandi tgħid illi ma kienitx ġiet notifikata bir-rikors ġuramentat tas-soċjetà ritrattata u allura, a tenur tal-Artikolu 811(b) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, għandha dritt titlob li s-sentenza tiġi mħassra u l-kawża ritrattata.

L-Artikolu ċitat tal-Kap. 12 jaqra hekk:

> *"Kawża deċiża b'sentenza mogħtija fi grad ta' appell jew mill-Qorti Ċivili, Prim'Awla, fil-ġurisdizzjoni kostituzzjonali tagħha, tista', fuq talba ta' waħda mill-partijiet li jkollha interess, tiġi ritrattata, wara li qabel xejn tiġi mħassra dik is-sentenza, għal waħda minn dawn ir-raġunijiet li ġejjin:*
>
> *…*
>
> *(b) jekk ir-rikors ġuramentat ma jkunx ġie notifikat lill-parti telliefa, basta li din il-parti, għad li ma tkunx ġiet innotifikata, ma tkunx dehret fis-smigħ tal-kawża."*

Mill-provi prodotti, jirriżulta li s-soċjetà ritrattandi hija kumpanija estera reġistrata ġewwa l-Italja. Permezz ta' ċitazzjoni intavolata kontra s-soċjetà ritrattandi quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-3 ta' Mejju 2005, is-soċjetà ritrattata talbet lill-Qorti:

1. *"Tiddikjara illi s-soċjetà estera konvenuta hija tenuta tħallas lis-soċjetà attriċi kummissjoni ta' seba fil-mija (7%) tal-valur net ta' kull kuntratt illi l-istess soċjetà estera konvenuta ġiet mogħtija ġewwa Malta bir-rappreżentanza, konsulenza u assistenza tas-soċjetà attriċi;*

2. *Tillikwida okkorendo bl-opera ta' periti esperti nominandi, dik is-somma ta' kummissjonijiet illi s-soċjetà estera konvenuta hi dovuta li tħallas lis-soċjetà attriċi kif hawn fuq spjegat; u*

3. *Tikkundanna lis-soċjetà estera konvenuta tħallas lis-soċjetà attriċi dik is-somma hekk likwidata.*

*Bl-ispejjeż, inklużi dawk tal-Mandat ta' Sekwestru kawtelatorju ppreżentat kontestwalment u bl-imgħax dekorribbli mid-data tal-preżentata ta' dan l-att kontra s-soċjetà estera konvenuta illi minn issa r-rappresentanti legali u ġudizzjarji tagħha huma nġunti għas-subizzjoni."*

Kontestwalment maċ-ċitazzjoni, is-soċjetà ritrattata kienet preżentat rikors għall-ħatra ta' kuraturi. Permezz ta' digriet datat 19 ta' Mejju 2005, din il-Qorti diversament presjeduta nnominat lill-Avukat Dottor Tonio Azzopardi u lill-Prokuratur Legali Mario M. Bonnici bħala kuraturi deputati sabiex jirrappreżentaw lis-soċjetà estera ABB Power Technologies S.p.A.

Mill-atti ta' dik il-kawża jirriżulta li Dr. Tonio Azzopardi kien bagħat ittra mhux reġistrata lis-soċjetà ritrattandi datata 17 ta' Ottubru 2005 fejn infurmaha bil-kawża li saret kontriha u talab lid-diriġenti tagħha jiggwidawh dwar kif għandu jiddefendi l-kawża f'isimhom. Għal din l-ittra, Dr. Tonio Azzopardi ma rċieva l-ebda risposta.

Il-kawża ġiet deċiża minn din il-Qorti kif presjeduta fis-27 ta' Marzu 2007. Is-soċjetà ritrattandi ġiet ikkundannata tħallas lis-soċjetà ritrattata s-somma ta' €158,152.79 bl-ispejjeż u bl-imgħax mid-data taċ-ċitazzjoni.

Is-soċjetà ritrattandi tinsisti li l-ittra mibgħuta minn Dr. Azzopardi qatt ma wasslet għandha u li għalhekk hija ma kienitx taf bil-kawża li saret kontriha mis-soċjetà ritrattata. Skont Ornella Cattaneo, impjegata tas-soċjetà ritrattandi, hija saret taf illi kien hemm kawża li nqagħtet kontra l-kumpannija fl-20 ta' Ġunju tal-2007 u ċioè madwar xahrejn wara li ġiet deċiża l-kawża. Dan waqt skambju ta' korrispondenza mal-

Korporazzjoni Enemalta fejn din tal-aħħar infurmat lis-soċjetà ritrattandi li ma setgħetx tkompli tagħmel il-pagamenti dovuti lilha minħabba l-mandat ta' sekwestru eżekuttiv li sar mis-soċjetà ritrattata in segwitu għall-imsemmija kawża.

B'żieda mal-fatt illi tinsisti li qatt ma rċeviet korrispondenza mingħand il-kuraturi deputati nominati mill-Qorti, is-soċjetà ritrattandi tgħid ukoll illi dawn qatt ma kellhom jiġu nominati ladarba kien japplika f"Malta dak iż-żmien ir-Regolament tal-Kunsill Ewropew numru 1348/2000 tad-29 ta' Mejju 2000 dwar is-servizz fi Stati Membri ta' dokumenti ġudizzjarji u extra-ġudizzjarji fi kwistjonijiet ċivili jew kummerċjali u allura a tenur ta dan ir-Regolament, in-notifika tar-rikors ġuramentat kellha ssir direttament lis-soċjetà ritrattandi fl-indirizz uffiċjali tagħha ġewwa l-Italja.

Dan kollu, dejjem skont is-soċjetà ritrattandi, iwassal għall-ksur tal-prinċipju *audi alteram partem* kif ukoll hemm lok ta' ritrattazzjoni tal-kawża a tenur tal-Artikolu 811(b) tal-Kap. 12.

In linea ta' prinċipju ġenerali, kif osservat il-Qorti tal-Appell fil-każ fl-ismijiet Av. Anthony Henry Farrugia noe vs Anthony sive Tony Aquilina tas-16 ta' Frar 2004:

> *"L-istitut ta' ritrattazzjoni huwa rimedju eccezzjonali nkwantu jikkostitwixxi deroga mir-regola generali li "res judicata pro veritate habetur". Konformement il-Qrati taghna dejjem sostnew li dan ir-rimedju tant straordinarju ghandu dejjem jigi ristrett ghall-kazi kontemplati fil-ligi u li tinghata interpretazzjoni ristretta tal-ligi. Fis-sentenza moghtija fis-26 ta' April, 1993, minn din il-Qorti, kif dak inhar komposta, fil-kawza* ***Karmenu Mifsud Bonnici noe et vs John Scicluna noe et*** *gie osservat li "L-istitut ta' ritrattazzjoni huwa wiehed specjalissimu li jippermetti li kawza tigi ezaminata ghat-tielet darba. L-organizzazzjoni ta' l-ordni gudizzjarju fl-istruttura taghha hija ta' zewg gradi – prim' istanza u appell – mentri r-ritrattazzjoni tintroduci t-tielet grad bhala mizura eccezzjonalissima intiza principalment biex tigi evitata ingustizzja cara u palezi, minhabba fatturi li jkunu jew sfuggew l-ezami ta' l-ewwel istanza jew taz-zewg istanzi jew li jkunu*

*issopravvenew, basta li f'ebda kaz dawn il-fatturi ma jkunux dovuti ghan- negligenza procedurali ta' min jitlob ir-ritrattazzjoni."*

*Din il-Qorti, diversament preseduta, fis-sentenza moghtija fis-7 ta' Marzu, 1992 fil-kawza* ***Mark Causon vs Carmel Portelli noe et*** *b'rispett lejn il-principji hawn fuq enuncjati osservat li "Il-gurisprudenza taghna konstantement irriteniet li r-rimedju tar-ritrattazzjoni huwa wiehed straordinarju, in kwantu jikkostitwixxi deroga ghall-principju fondamentali li l-gudikat jikkostitwixxi ligi bejn il-kontendenti, u dan indipendentement mill-fatt jekk dak il-gudikat jirrispekkjax kompletament il-verita` jew il-gustizzja. Il-guristi Rumani kienu jesprimu dan il-kuncett bil-massima* ***res judicata pro veritate habetur.****...Minn dak li ntqal isegwi li r-regoli li jiggvernaw ir-rimedju tar-ritrattazzjoni huma ta' interpretazzjoni strettissima (Koll. Vol. XXVII – I – 818). Diversament, taht il-pretest ta' ritrattazzjoni, il-litigant sokkombenti jkun jista' jerga jiftah il-kawza, u hekk, indirettament johloq ghalih tribunal tat-tielet istanza (Koll Vol.XLIII - I – 227) haga li mhux permessa mill-ligi.'"*

Da parti tagħha, is-soċjetà ritrattata tressaq diversi eċċezzjonijiet kemm ta' natura preliminari kif ukoll fil-mertu. Permezz tal-ewwel eċċezzjoni tagħha, is-soċjetà ritrattata tgħid illi r-rikors promotorju huwa null stante li kellu jsir fl-ismijiet inversi. Din l-eċċezzjoni m'għandhiex mis-sewwa. Kif tajjeb tissottometti s-soċjetà ritrattandi fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħha, il-Qrati tagħna jirrikonoxxu li f'kawżi ta' ritrattazzjoni, l-okkju jista' jsir kemm fl-istess mod tal-kawża li tagħha tkun qed tintalab ir-ritrattazzjoni, u kemm fl-ismijiet inversi sabiex jirrifletti min mill-partijiet ikun qiegħed jitlob ir-ritrattazzjoni. Fil-fatt, fil-każ ta' Luigi Agius vs Jimmy Vella, tat-30 ta' Settembru 2016, il-Qorti tal-Appell qalet hekk:

*"Hu veru li, mill-okkju tal-kawża, Vella jidher li hu konvenut, però, l-okkju kellu jirrifletti l-okkju tal-kawza li tagħha qed tintalab ir-ritrattazzjoni. L-okkju huwa l-istess tal-kawza fejn kien sokkombenti (rikors nru. 112/12), izda l-konvenut tellief, jekk iħoss li hemm ragunijiet validi biex*

*il-kawza tigi ritrattata, għandu jzomm l-istess okkju u jiftaħ proċeduri godda hu, u jilbes il-vesti ta' "attur". Kif intqal minn din il-Qorti fil-kawza Busuttil v. Gauci deciza fl-24 ta' Jannar, 1997, billi kawza ta' ritrattazzjoni tirreferi għas-smigħ mill-gdid tal-ewwel kawza, l-okkju għandu jitħalla l-istess.*

*Hu veru li hemm sentenzi li jgħidu li proprjament l-okkju għandu jinqaleb f'kawza ta' ritrattazzjoni (ara Farrugia noe. v. Mallia noe, deciza wkoll minn din il-Qorti fil-5 ta' Marzu, 1979), izda l-gurisprudenza tammetti z-zewg modi ta' kif jitnizzel l-okkju. Fil-kawza Ferando v. Bianchi, deciza minn din il-Qorti, Sede Inferjuri, fit-12 ta' Mejju, 2003, intqal li l-okkju għandu jkun identiku (Farrugia v. Schembri, deciza minn din il-Qorti fis-7 ta' Ottubru, 1996), għalkemm jista' jkun invertit (Mejlaq v. Bugeja, deciza minn din il-Qorti fit-13 ta' Ġunju, 1995). Ma jidhirx, għalhekk, li hu di rigur li tigi segwita prassi flok l-oħra. Il-forma li jieħu l-okkju mhux importanti, għax dak li hu importanti huwa li l-gudizzju jigi identifikat u li l-partijiet f'dik il-kawza jkunu partijiet fil-kawza ta' ritrattazzjoni; dan apparti li tale nullità mhux kontemplata fl-Artikolu 789 tal-imsemmi Kap. 12."*

B'applikazzjoni tal-premess, l-ewwel eċċezzjoni tas-soċjetà ritrattata sejra tiġi miċħuda.

Is-soċjetà ritrattata imbagħad teċċepixxi li r-rikors promotur huwa null għaliex qiegħed isir fl-atti tal-kawża numru 421/2005, liema kawża hija deċiża u tikkostitwixxi *res judicata*. Il-Qorti tqis illi lanqas din l-eċċezzjoni ma hija tajba. Ir-rikors promotur ma sarx fl-atti tal-kawża 421/2005. Fil-fatt, sar rikors ġuramentat skont ma titlob il-liġi li permezz tiegħu ġiet istitwita kawża *ad hoc*. Din l-eċċezzjoni sejra għalhekk tiġi miċħuda wkoll.

Permezz tal-aħħar eċċezzjoni preliminari tagħha, is-soċjetà ritrattata teċċepixxi li t-talba kontenuta fir-rikors ġuramentat tas-soċjetà ritrattandi hija insostenibbli għaliex hija biss il-kawża li tista' tiġi ritrattata, u mhux is-sentenza. Għalkemm huwa minnu li teknikament is-soċjetà ritrattandi talbet ir-ritrattazzjoni tas-sentenza minflok tal-kawża, huwa ċar li dan

sar bi żvista. Huwa altru milli ovvju mill-atti tal-kawża li permezz ta' din il-proċedura s-soċjetà ritrattandi qiegħda titlob ir-ritrattazzjoni tal-kawża, u dan wara li talbet ukoll lil Qorti tirrevoka s-sentenza impunjata. Għaldaqstant, din l-eċċezzjoni preliminari ser tiġi miċħuda wkoll.

Sorvolati l-eċċezzjonijiet preliminari, il-Qorti ser tibda billi tindirizza s-sitt eċċezzjoni tas-soċjetà ritrattata li permezz tagħha teċċepixxi li s-soċjetà ritrattandi kienet fil-fatt debitament notifikata biċ-ċitazzjoni tal-kawża 421/2005. Permezz ta' din l-eċċezzjoni, is-soċjetà ritrattata qegħda tgħid illi ladarba ġiet segwita l-proċedura appożita meta konvenut ikun assenti, u ġew nominati kuraturi deputati sabiex jirrappreżentaw lis-soċjetà ritrattandi fil-kawża 421/2005, allura ma jistax jingħad illi a tenur tal-Artikolu 811(b) tal-Kap. 12, is-soċjetà ritrattandi ma kienitx debitament notifikata biċ-ċitazzjoni ta' dik il-kawża.

Din il-Qorti ma taqbilx mal-argument tas-soċjetà ritrattata. Kif qalet il-Qorti tal-Appell fil-każ fl-ismijiet Mizzi Home Furnishings Limited et vs Italgreen SPA, tas-27 ta' Ottubru 2017:

> "*Jibda billi jinghad illi l-Qrati Maltin rinfaccati bi kwistjoni dwar is-servizz ta' dokumenti gudizzjarji u extra-gudizzjarji fi kwistjonijiet civili jew kummercjali f'pajjiz Stat Membru fl-Unjoni Ewropea jridu jsegwu r-regoli li johorgu mill-istrument legali relativ li huwa enforzabbli f'Malta bhala Stat Membru fl-Unjoni Ewropea. Dan l-istrument legali, ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1348/2000 applikabli ghall-kaz in ezami, sussegwentement sostitwit permezz tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Numru 1393/2007, sewwa sew minhabba li huwa Regolament, illum jaghmel parti mis-sistema tal-ligijiet ta' Malta b'effett dirett. Kif jirrizulta mill-preambolu tal-istess regolament, l-iskop ta' dan ir-regolament kien li sabiex ikun hemm l-efficenza u l-heffa fi proceduri gudizzjarji fi kwistjonijiet civili, u t-trazmissjoni ta' dokumenti gudizzjarji u extra-gudizzjarji ssir direttament u b'mezzi mhaffa bejn korpi lokali nnominati mill-Istati Membri, bl-iskop li jkun jista' jahdem b'mod xieraq is-suq intern.*"

Meta Malta saret stat membru tal-Unjoni Ewropea, ir-regolamenti tal-Unjoni Ewropea bdew jagħmlu parti integrali mill-liġijiet nostrali. Ladarba s-soċjetà ritrattata kienet taf l-indirizz tas-soċjetà ritrattandi ġewwa l-Italja, hija kien imissha innotifikatha skont ir-Regolament 1348/2000, u mhux talbet il-ħatra ta' kuraturi deputati. Isegwi għalhekk li n-nuqqas tas-soċjetà ritrattata milli tinnotifika lis-soċjetà ritrattandi bl-atti taċ-ċitazzjoni numru 421/2005 jammonta għan-nuqqas ta' notifika kontemplat fl-Artikolu 811(b) tal-Kap. 12. Ara f'dan is-sens ukoll is-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Sezzjoni Familja) tat-3 ta' Diċembru fl-ismijiet L-Avukat Lorraine Schembri Orland noe vs AB.

Is-soċjetà ritrattata imbagħad teċepixxi illi s-soċjetà ritrattandi ddekadiet mid-dritt tagħha li titlob ir-ritrattazzjoni tal-kawża bit-trepass tat-terminu legali impost mill-Artikolu 818 tal-Kap. 12. Teċċepixxi wkoll illi s-soċjetà ritrattandi trid iġġib prova ta' meta effettivament saret taf bil-kawża. Skont is-soċjetà ritrattata, fil-fatt, is-soċjetà ritrattandi kienet taf bil-kawża fi żmien suffiċjenti sabiex tkun tista' tressaq l-eċċezzjonijiet tagħha. Dawn l-eċċezzjonijiet ser jiġu trattati flimkien.

A tenur tal-Artikolu 818 tal-Kap. 12, iż-żmien li fih tista' ssir it-talba għal ritrattazzjoni huwa ta' tlett xhur, u fil-każ ta' talba għall-ritrattazzjoni abbażi tal-Artikolu 811(b), dan jibda jgħaddi mill-ġurnata li fiha l-attur ikun ġie jaf bis-sentenza.

Is-soċjetà ritrattata targumenta li b'żieda mal-ittra li kien bagħat Dr. Azzopardi, li skont is-soċjetà ritrattandi qatt ma waslet, fl-iskambju ta' korrispondenza li kellu l-avukat tagħha Dr. Norval Desira mal-avukati esteri tas-soċjetà ritrattandi, dawn tal-aħħar kienu ġew informati li kienet ġiet intavolata kawża kontra l-klijenta tagħhom. Fis-sottomisjonijiet tagħha s-soċjetà ritratta tagħmel l-argument ukoll illi s-soċjetà ritrattandi ma ġabet l-ebda prova li effettivament saret taf bil-kawża fl-20 ta' Ġunju 2007. Dan fid-dawl tal-fatt illi l-ebda rappreżentant tal-Korporazzjoni Enemalta li xehed fil-mori tal-kawża ma seta' jikkonferma li hu jew xi rappreżentant ieħor tal-Korporazzjoni kien ikkomunika mas-soċjetà ritrattandi fis-sena 2007.

Il-Qorti tinnota li r-rikors ġuramentat tal-lum ġie preżentat fl-20 ta' Settembru 2007, u ċioè preċiżament tlett xhur mid-data li skont Ornella Cattaneo s-soċjetà ritrattandi saret taf li kienu ttieħdu xi proċeduri ġudizzjarji kontriha. Ix-xhud Ornella Cattaneo, li kienet l-uniku xhud li ressqet is-soċjetà ritrattandi, tgħid biss illi l-ittra li bagħat Dr. Azzopardi ma waslitx, u li kien biss fl-20 ta' Ġunju 2007 li hija saret taf mingħand il-Korporazzjoni Enemalta li ma setax isir ħlas lis-soċjetà ritrattandi minħabba xi ordni tal-Qorti. L-affidavit pjuttost xott ta' Ornella Cattaneo ma ġie segwit bl-ebda informazzjoni ulterjuri u lanqas sostanzjat b'dokumentazzjoni bħal per eżempju skambju ta' *e-mails*.

Il-Qorti tqis illi kien jispetta lis-soċjetà ritrattandi li ġġib din il-prova essenzjali dwar meta saret taf bil-kawża 421/2005, u mhux tistrieh unikament fuq dikjarazzjoni ta' impjegata waħda, mhux sostanzjata bi provi konkreti. Dan speċjalment fid-dawl tal-fatt illi l-ebda rappreżentat tal-Enemalta ma seta' jintraċċa korrispondenza ma' Ornella Cattaneo jew ma' xi rappreżentant ieħor tas-soċjetà ritrattandi li tmur lura għas-sena 2007. Fiċ-ċirkostanzi tal-każ, din il-Qorti mhijiex konvinta mqar fuq bażi ta' probabilità li s-soċjetà ritrattandi saret taf bis-sentenza tal-kawża 421/2005 fl-20 ta' Ġunju 2007 u mhux qabel.

Finalment, is-soċjetà ritrattata teċċepixxi li s-soċjetà ritrattandi ma tat l-ebda indikazzjoni ta' xi eċċezzjonijiet validi li għandha xi tressaq kontra l-pretensjonijiet tas-soċjetà ritrattata fil-kawża 421/2005. Għal kull buon fini ser jingħad biss li din l-eċċezzjoni hija mingħajr l-ebda bażi legali in kwantu li sabiex tirnexxi talba għal-ritrattazzjoni, mhuwiex meħtieġ illi s-soċjetà ritrattandi turi li hija kellha eċċezzjonijiet validi xi tressaq.

Għalhekk u għal dawn ir-ragunijiet, din il-Qorti qegħda taqta' u tiddeċiedi billi filwaqt illi tiċħad l-eċċezzjonijiet preliminari tas-soċjetà ritrattata, kif ukoll is-sitt u seba' eċċezzjonijiet tagħha, tilqa' r-raba' u ħames eċċezzjonijiet u għaldaqstant, tiċħad it-talbiet tal-Avukat Dottor Nicolai Vella Falzon nomine.

L-ispejjez jithallsu minn Dottor Nicolai Vella Falzon nomine.

IMHALLEF

DEP/REG